## 21 ta' Jannar, 1991

## Imħallef: –

## Onor Joseph A. Filletti B.A LL.D., A.R. HIST. S.

Pacifico Fenech *et*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

## Dwana - Qbid - Rikors - Ultra Vires

*Kawża dwar ir-rilaxx mill-Kontrollur tad-Dwana ta' ġlud ta' għasafar importati f'Malta. Il-Qorti irrilevat ta' l-awtoritajiet kompetenti ma kellhom l-ebda awtorità illimitata u kienu tenuti jaġixxu fil-limiti tal-liġi. La darba ma kienx hemm ebda liġi li tiprojbixxi l-importazzjoni ta' tali ġlud ma setax il-konvenut Kontrollur tad-Dwana jippretendi li ma jippermettix l-importazzjoni tagħhom.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-4 ta' Marzu 1989, l-attur kien irritorna lura lejn Malta mill-Eġittu, fejn kien mar għal kaċċja u kellu miegħu ġlud ta' għasafar mejta u għasafar mejta li hu debitament iddikjara lill-uffiċjali tad-dwana fl-Ajruport ta' Ħal Luqa, li ddeċidew li jżommu dawn il-ġlud u għasafar mejta u fil-fatt żammewhom kif jidher mir-riċevuta hawn annessa (Dok. A 1 sa 4) sakemm l-attur iġib xi ċertifikati jew liċenzji mill-*Port Health Inspector* u l-uffiċjal Veterinarju, kif ukoll mid-

Dipartiment tal-Ambjent;

Premess li għalkemm l-attur ottjena l-*clearance* relativa għall-importazzjoni ta' dawn il-ġlud u għasafar mejta, indikati fid-Dokument A1 sa 4, il-konvenut Kontrollur tad-Dwana, nonostante li nġabet il-*clearance* mill-*Port Health Inspector* u *l-Veterinary Services, Malta, kif jidher mit-timbri relativi fuq* il-formula tad-Dwana numru erbgħa (4) (Dok. B), xorta waħda baqa' jirrifjuta li jirrilaxxja l-imsemmija ġlud u għasafar mejta lill-attur, għax sostna li ried l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Ambjent;

Premess li wara rikjesti ripetuti, il-Kontrollur tad-Dwana (Dok C) informa lill-attur, li filwaqt li xi ġlud u għasafar mejta kienu ser jiġu rilaxxjati lilu, l-oħrajn ma kinux ser jiġu hekk rilaxxjati ai termini tal-Avviż Legali 68 / 80, u l-attur ġie ukoll infurmat li l-konvenut Onor Dottor Ugo Mifsud Bonniċi kien ta istruzzjonijiet biex ma jiġux rilaxxjati mid-Dwana ġlud ta' għasafar protetti, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Premess illi l-Avviż legali 68 / 80 ma jipprovdi b'ebda mod għal xi projbizzjoni ta' importazzjoni ta' għasafar protetti li jkunu ġew maqtula jew maqbuda legalment f'pajjiżi oħra u barra mill-*ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Maltin, jew li biex dawn jiġu rilaxxjati* ikun hemm bżonn xi premezz mid-Dipartiment tal-Ambjent;

Premess illi għalhekk l-aġir tal-konvenuti, jew min minnhom, huwa *ultra vires* u għalhekk l-imsemmija ġlud ta' għasafar u għasafar mejta, qed jiġu miżmuma bla jedd;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti jiġi dikjarat u deċiż li:

1) ma hemm ebda liġi li timpedixxi jew iżżomm l-importazzjoni ta' ġlud ta' għasafar protetti jew ta' għasafar protetti, li jkunu ġew maqtula jew maqbuda barra mill-ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Maltin, jew li tassoġġetta tali importazzjoni għall-approvazzjoni, permess jew xi liċenzja oħra mid-Dipartiment tal-Ambjent u li għalhekk id-detenzjoni tal-ġlud u għasafar in kwistjoni da parti tal-konvenut Kontrollur tad-Dwar hija *ultra vires* u illegali, kif inhi *ultra vires* u illegali kull ordni jew direttiva tal-konvenut Onor Dottor Mifsud Bonnici bħala Ministru responsabbli mill-Ambjent li tassoġġetta tali importazzjoni għall-permess jew liċenzja tad-Dipartiment tiegħu jew Ministeru tiegħu; u

2) konsegwetement il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati li fi żmien qasir u perentorju li jiġi minn din il-Qorti ffissat jieħdu il-passi kollha li jiddependu minnhom sabiex l-imsemmi ġlud ta' għasafar mejta u għasafar mejta elenkati fid-Dokument A 1 sa 4, jiġu rilaxxjati lill-attur; u

3) in difett li jagħmlu dan fiż-żmien lilhom hekk ordnat, li jħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata, minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li tkun tirrappreżenta l-valur tal-imsemmija ġlud ta' għasafar mejta jew għasafar mejta hekk miżmuma, flimkien mall-imgħax mid-data tal-protest ġudizzjarju tat-23 ta' Mejju 1989;

Bl-ispejjes kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tat-23 ta' Mejju 1989 kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Trattata l-kawża;

Ikkunsidrat:

Li bħala fatti din il-kawża ma tippreżentax xi diffikultajiet straordinarji. L-attur mar għall-kaċċa fl-Eġittu u meta irritorna lura Malta ġab miegħu kwantità ta' ġlud ta' għasafar u għasafar maqtulin. L-attur iddikjara l-importazzjoni ta' dawn l-oġġetti lill-awtoritajiet doganali ġewwa l-ajruport ta' Ħal Luqa. Milli irriżulta, l-uffiċjal tad-dwana flimkien mal-uffiċjal mid-Dipartiment tal-Ambjent iddeċidew li jżommu dawn l-għasafar u ġlud sakemm l-attur jottjeni *clearance* mill-veterinarju u l-Ispettur Sanitarju tal-Port. Għalkemm in segwitu tali *clearance* ingħata, il-Kontrollur tad-Dwana xorta irrifjuta milli jirrilaxxja l-oġġetti ***de quo*** billi spjega li ħtieġlu l-permess mid-Dipartiment tal-Ambjent. U aktar tard kiteb lill-attur fejn invoka l-Avviż Legali numru 68 tas-sena 1980 bħala r-raġuni taż-żamma tal-oġġetti milli jiġu rilaxxjati;

L-attur xehed u ssottometta li l-avviż legali invokat kontrih mill-kontroparti ma kien jipprovdi għall-ebda importazzjoni ta' oġġetti bħal dawk maqbudin u lanqas jesiġi xi permessi oħrajn minn dawk mogħtijin. Id-difensuri ta' entrambi l-partijiet għamlu s-sottomisjonijiet tagħhom dwar il-vertenza. Sfortunatament ġara li n-natura tal-kawża, sempliċi mill-oriġini tagħha, qabdet tieħu sura aktar komplikata billi fl-att taċ-ċitazzjoni, l-attur deffes ukoll l-aspett ta' aġir *ultra vires* anke da parti tal-Ministru Responsabbli għall-Edukazzjoni, Kultura u Ambjent u di più indirizza espressament parti mill-ewwel talba kontra dan l-istess Onorevoli Ministru, anki jekk illum - nomenklatura ta' dan il-Ministru inbidlet ***in parte*** għalkemm baqa' jkopri ukoll b'mod ġeneriku l-Ambjent li tiegħu llum hemm ukoll responsabbli Segretarju Parlamentari;

Fir-rigward għalhekk tal-imsemmi Ministru responsabbli għall-Ambjent, bil-mod kif ġiet formulata iċ-ċitazzjoni u t-talbiet fiha stipulati, ma jistax jingħad, kif ġie eċċepit minn dan il-konvenut, li huwa mhux leġittimu kontradittur. Jekk tali Ministru aġixxix jew le *ultra vires* hija kwestjoni oħra iżda, fiċ-ċirkostanzi, huwa jinsab imħarrek kif suppost għall-fini tal-kawża *in diżamina*;

Dwar il-mertu, għandu jirriżulta li l-vera raġuni għaż-żamma tal-ġlud u tal-għasafar mejtin kienet dik li l-konvenuti għandhom għax jaħsbu li l-użu li ***eventwalment*** ser isir tal-oġġetti huwa dak ta' ibbalzmar. Allura huma ddeċidew li jimpedixxu r-rilaxx tagħhom. L-attur ċaħad li huwa jrid jibbalzma dawn l-għasafar u ma saret ebda prova f'dan il-kontest għas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Kull argument f'din id-deċiżjoni għalhekk jammonta għal mera spekulazzjoni. L-abbli difensur tal-konvenuti argumenta li taħt l-*Interpretation Act,* il-konvenuti qatt ma jistgħu jaġixxu ***ultra vires*** u dan għaliex il-liġi tathom poteri tant wesgħin li speċi għandhom xi awtorità illimitata, anke meta din ma hijiex koperta mill-kliem tal-liġi. Jekk tassew dan huwa r-raġonament tal-Avukat tar-Repubblika, huwa raġonament żbaljat;

*Omissis;*

Fl-istess waqt, però, xorta waħda ma jistax jingħad illi l-konvenut Onorevoli Ministru Responsabbli għall-Ambjent agixxa ***ultra vires*** meta ħareġ ordnijiet jew direttivi a bażi tal-Avviż Legali 68 / 80. Jekk kien hemm **interpretazzjoni** skorretta *ta' dan l-Avviż Legali, dan allura jfisser li jaħti minn għamel* tali interpretazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti u s-sekwenza tagħhom f'dan il-kaz jitkellmu waħedhom. Jingħad ukoll li l-

l-artikolu, ebda att *ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti* ma jista jiġi ppreżentat, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa fil-kostituzzjoni, barra mill-kummissarju Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif ntqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar; u r-reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi xi att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi ppreżentat fir-Reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu'';

Illi ma hemmx dubju illi l-att ta' ċitazzjoni kwantu dirett kontra l-konvenuti l-Onorevoli Deputat Prim' Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Ġustizzja u l-Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura huwa dirett kontra l-Gvern, kif anqas hemm dubju illi l-konvenuti Direttur tax-*Xogħolijiet* u *Kummissarju tal-Artijiet huma l-persuni illi* għandhom kariga pubblika u f'din il-kawża ġew ċitati fil-kwalità uffiċjali tagħhom;

Illi ma jirriżultax pruvat illi l-att ta' ċitazzjoni odjern ġie preċedut minn xi ittra uffiċjali jew protest kif rikjest miċ-ċitat artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi ma jidhirx illi huwa applikabbli għall-kas in eżami l-artikolu 460(2) tal-istess Kodiċi;

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni, magħmula mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, illi mill-artikolu 460(1) u anqas mill-artikolu 789(1) tal-Kodiċi ċitat ma jirriżulta

b) u żewġ terzi (2 / 3) mill-konvenut Kontrollur tad-Dwana u b'dan li l-ispejjeż relativi għall-konvenut l-ieħor l-Onor Ministru Responsabbli għall-Ambjent u dan in vista tal-intromissjoni determinativa da parti tad-Dipartiment tal-Ambjent jibqgħu bla taxxa a karigu tiegħu.